

Ir-rikorrenti ssostni li, sa fejn il-Kummissjoni haddet il-pożizzjoni li l-Gvern Ġermaniż ma stabbilixxie li d-dispożizzjonijiet nazzjonali kienu jiggarrantixxu livell ta' protezzjoni oħħla mid-Direttiva 2009/48/KE, id-deċiżjoni kkontestata tikser ukoll l-Artikolu 114(4) u (6) TFUE u b'hekk tikser it-Trattati fis-sens tat-tielet ipoteżi prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, u dan sa fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jiffissaw il-limiti għall-arseniku, l-antimonju u l-merkurju fil-ġugarelli jiggarrantixxu effettivamente livell ta' protezzjoni tas-saħħa tat-tfal oħħla minn dak iggarantit mid-Direttiva 2009/48/KE, ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan u sa fejn il-Gvern Ġermaniż barra minn hekk stabbilixxa dan il-fatt b'mod suffiċċenti għall-finijiet tad-dritt inkonformità mal-ġurisprudenza.

(<sup>1</sup>) Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Ġunju 2009, dwar is-sikurezza tal-ġugarelli (ĠU L 170, p. 1).

### Rikors ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2012 — Elitaliana vs Eulex Kosovo u Starlite Aviation Operations

(Kawża T-213/12)

(2012/C 200/40)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

Rikorrenti: Elitaliana SpA (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: R. Colagrande, avukat)

Konvenuti: Eulex Kosovo — European Union Rule of Law Mission (Pristina, ir-Repubblika tal-Kosovo) u Starlite Aviation Operations (Dublin, l-Irlanda)

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-provvedimenti ta' Eulex — ta' kontenut u data mhux magħrufa mir-rikorrenti — ta' għoti tal-kuntratt bit-titolu EuropeAid/131516/D/SER/XK — Helicopter Support to the EULEX Mission in Kosovo (PROC/272/11) lill-kumpannija Starlite Aviation Operations, ikkomunikata minn Eulex b'ittra tad-29.3.2012 (li waslet fl-istess data permezz ta' messaġġ elettroniku) kif ukoll ta' kwalunkwe att ieħor preżunt, konsegwenti u/jew li huwa konness, u b'mod partikolari, fejn jirriżulta, minn nota 2012-DAS-0392 tas-17.4.2012, li permezz tagħha Eulex ċaħdet l-rikorrenti l-aċċess għall-atti konnessi mal-kuntratt mitlub fit-2.4.2012;
- tikkundanna lil Eulex għall-kumpens għad-danni (forma spċċifika jew b'mod ekwivalenti) favur ir-rikorrenti bil-mod kif spċċifikat iktar 'il fuq fil-paragrafi 37 et seq;
- tikkundanna lil Eulex għall-ispejjeż tal-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors preżenti huwa intiż prinċipalment kontra l-provvedimenti ta' Eulex ta' għoti tal-kuntratt bit-titolu "EuropeAid/131516/D/SER/XK — Helicopter Support to the EULEX Mission in Kosovo (PROC/272/11)" lill-kumpannija Starlite Aviation Operations, kif ukoll ta' kwalunkwe att ieħor preżunt, konsegwenti u/jew li huwa konness. Ir-rikorrenti titlob f'dan ir-rigward kumpens għad-danni subiti.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq ksur u/jew applikazzjoni ħażina tas-sejħa għall-offerti ppubblikata fit-18.10.2011, b'riferiment ukoll għall-Artikoli 46 et seq tad-Direttiva Nru 18/2004/KE (<sup>1</sup>); għall-ksur tal-prinċipji ġenerali ta' trasparenza, proporzjonalità u ugwaljanza fit-trattament kif previsti mill-“Gwida prattika għall-proċeduri kuntrattwali għall-azzjonijiet esterni tal-UE” (Prag) li għaliha l-proċedura kienet suġġetta; kif ukoll għall-ksur tal-prinċipji ġenerali ta' ħarsien ta' kompetizzjoni effettiva fir-rigward tal-istandardi previsti għas-servizzi li kien sejjer jingħata kuntratt għalihi.

Għandu jiġi nnotat f'dan ir-rigward li l-kuntratt ingħata lil offerten li ma għandux ir-rekwiżi tekniċi mitluba fis-sejħa għal offerti.

(<sup>1</sup>) Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal-xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal-xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi].

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Mejju 2012 — Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-571/08) (<sup>1</sup>)

(2012/C 200/41)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>1</sup>) ĠU C 55, 07.03.2009.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Mejju 2012 — Timab Industries u CFPR vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-211/11) (<sup>1</sup>)

(2012/C 200/42)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>1</sup>) ĠU C 179, 18.06.2011.